MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 799/2001/1

***Lloyds Malta Limited*** **bħala rappreżentanti *ex lege* tal-membri ta' *Lloyds* miġbura fis-sindikati numri 1027, 2027, 1239, 1069, 1173, 947 u 991; u *Laferla Insurance Agency Limited* bħala mandatarji u aġenti ta' l-imsemmija sindikati; *Micallef Insurance Agency Limited* bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera *Independent Insurance Company Limited*; *Atlas Insurance Agency Limited* bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera *AXA Insurance p.l.c.*; *Allcare Insurance Agency Limited* bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera *Assicurazione Generale s.p.a.*; *Citadel Insurance p.l.c.*; *Elmo Insurance Services Limited* bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Royal and Sun Alliance Insurance Group p.l.c.***

***versus***

***HSBC Bank (Malta) P.l.c.***

Din hija kawża b'kontro-talba. Fil-kawża ewlenija, l-atturi, li huma soċjetajiet ta' assikurazzjoni li kienu ħarġu poloz

ta’ assikurazzjoni favur is-soċjetà konvenuta bi premju li kellu jitnaqqas jekk il-konvenuta tħares il-kondizzjoni stipulata bejn il-partijiet illi ġġedded il-poloz kull sena għal ħames snin, qegħdin jitolbu l-ħlas tad-differenza fil-premju għax qegħdin igħidu illi l-konvenuta tilfet il-benefiċċju tat-tnaqqis għax ma ħarsitx il-kondizzjoni. Fil-kawża mibdija b’rikonvenzjoni, il-konvenuta qiegħda titlob ħlas mingħand l-atturi assikuraturi tagħha għax ġarrbet telf meta seħħ riskju assikurat.

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi jgħidu illi, fuq talba tas-soċjetà konvenuta, kienu ħarġu għaxar poloz ta’ assikurazzjoni li kellhom jibdew iseħħu mill-1 t’Ottubru 1996. Il-partijiet kienu ftiehmu illi l-premju relativ għal dawn il-poloz kellu jitnaqqas b’sebgħa u nofs fil-mija (7.5%) talli l-konvenuta ntrabtet illi ġġedded dawn il-poloz kull sena għal ħames snin minn meta daħlu fis-seħħ. Il-ftehim, kif jidher minn *Long Term Agreement Undertakings* iffirmati mill-konvenuta dwar kull waħda mill-poloz, kien illi l-konvenuta żammet il-jedd illi ma ġġeddidx il-poloz għal ħames snin, iżda f’dak il-każ kellha trodd it-tnaqqis ta’ 7.5% fuq il-premju għaż-żmien kollu mill-ħruġ tal-poloz.

Dawn il-poloz kienu mġedda mill-konvenuta għal sentejn wara xulxin, u għalhekk baqgħu fis-seħħ sat-30 ta’ Settembru 1999. F’Settembru ta’ l-1999, meta kellhom jiġġeddu għat-tielet darba, is-soċjetà konvenuta għażlet illi ma ġġeddidx il-poloz, u għalhekk issa għandha tħallas lill-atturi t-tnaqqis kollu ta’ 7.5% fuq il-premju ta’ kull sena li kienet gawdiet minnu minn meta nħarġu l-poloz sa meta skadew għax ma ġġeddux mill-konvenuta.

Dan it-tnaqqis b’kollox kien ta’ tnax-il elf, erba’ mija u wieħed u ħamsin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm12,451.40); għandha tiżdied ukoll it-taxxa ta’ għaxra fil-mija (10%), li jkollha titħallas fuq il-premju miżdud, biex hekk is-soċjetà konvenuta b’kollox għandha tagħti lill-atturi tlittax-il elf, sitt mija u sitta u disgħin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm13,696.54).

Il-ħlas kellu jsir dakinhar meta ma ġġeddewx il-poloz, *i.e.* fl-1 ta’ Ottubru 1999, iżda, għalkemm imsejħa kemm-il darba, is-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħallsitx, u għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi, bis-saħħa tal-patt numru ħamsa (5) tal-ftehim bejn il-partijiet, u talli għażlet illi ma ġġeddidx il-poloz ta' assikurazzjoni qabel ma għalaq iż-żmien miftiehem ta' ħames snin, is-soċjetà konvenuta hija marbuta illi tħallas lill-atturi t-tnaqqis mogħti lilha fuq il-premju, flimkien mat-taxxa relativa, minn meta l-poloz daħlu fis-seħħ sa meta għażlet illi ma ġġeddidhomx;
2. tillikwida s-somma li għandha tħallas il-konvenuta fl-ammont ta' tlittax-il elf, sitt mija u sitta u disgħin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm13,696.54), jew somma oħra aktar preċiża li tiġi likwidata mill-qorti, bl-imgħax mill-1 ta' Ottubru 1999 sa meta jsir il-ħlas; u
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma u mgħaxijiet hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. hija ma kinitx marbuta illi ġġedded il-poloz ladarba l-poloz illi l-konvenuti offrew għat-tiġdid ma kinux dawk li jaħseb għalihom il-*Long Term Agreement*;
2. kien l-għemil ta' l-atturi li wassal lis-soċjetà konvenuta biex ma ġġeddidx il-poloz, wara illi, għall-ħabta ta' Frar ta' l-1999, saret taf illi l-atturi kienu unilateralment u arbitrarjament biddlu l-kondizzjonijiet tal-poloz bil-ħruġ ta' *endorsements*, waħda għal kull polza, li ntbagħtu f'dati differenti wara li kienu ġà ġew imġedda l-poloz, u bis-saħħa ta' dawk l-*endorsements* iddaħħlet bħala patt tal-kuntratti ta' assikurazzjoni *Millennium Exclusion Clause* illi ma kinitx aċċettabbli għall-konvenuta u li ddaħħlet mingħajr il-kunsens tagħha; u
3. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-atturi għandhom jagħtu lill-konvenuta ammont li jrid jiġi likwidat bħala ħlas li għandu jsir lill-konvenuta taħt *machinery breakdown policy*.

Is-soċjetà konvenuta nqdiet bil-proċeduri mibdija mill-atturi sabiex tressaq b'rikonvenzjoni l-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi l-atturi kienu ħarġu favur tagħha *machinery breakdown policy* b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 1996. Fis-6 ta' Ġunju 1999 kien hemm qtugħ ta' l-enerġija elettrika għall-inħawi ta' Ħal Qormi u, minħabba f'hekk, il-konvenuta qalbet għal fuq *generator* sabiex ikun jista' jkompli jaħdem l-*operations centre* tagħha f'Ħal Qormi. Waqt illi kien qiegħed jaħdem, il-*generator* saħan wisq u ma baqax

jaħdem sew u saritlu ħafna ħsara, għalkemm il-konvenuta kienet ħadet ħsieb illi regolarment issirlu manutensjoni kif imiss minn nies tas-sengħa.

Għalkemm il-konvenuta għamlet talba taħt il-polza għar-risarċiment, din it-talba kienet miċħuda mill-atturi, bi ksur ta' l-irbit tagħhom taħt il-polza. Għalhekk il-konvenuta qiegħda b'rikonvenzjoni titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ħsarat u d-danni li ġarrbet il-konvenuta biex jissewwa l-*generator* huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni;
2. tgħid illi l-atturi huma lkoll *in solidum* marbuta illi jħallsu t-talba magħmula lilhom mill-konvenuta taħt l-istess polza;
3. tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-konvenuta; u
4. tikkundanna lill-atturi *in solidum* iħallsu lill-konvenuta s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż.

Għall-kontro-talbiet tas-soċjetà konvenuta, l-atturi ressqu l-eċċezzjoni illi d-danni li qiegħda titlob ma ġarrbithomx għax seħħ xi riskju kopert bil-polza ta' assikurazzjoni.

Din is-sentenza tallum hija dwar il-kawża ewlenija, li l-mertu tagħha huwa jekk is-soċjetà konvenuta tilfitx il-benefiċċju tat-tnaqqis fuq il-premju li kien ingħatalha mill-atturi bil-patt illi l-poloz iġġeddidhom għal ħames snin, talli naqset milli ġġedded il-poloz ta' assikurazzjoni għaż-żmien kollu miftiehem. Il-fatti relevanti huma dawn:

L-atturi, li huma assikuraturi, kienu ħarġu favur is-soċjetà konvenuta, li hija bank kummerċjali, numru ta' poloz ta' assikurazzjoni li kellhom jibdew iseħħu mill-1 ta' Ottubru 1996. Fid-9 ta' Lulju 1996 il-partijiet stipulaw, dwar kull waħda mill-poloz, dak li sejħulu "*long term agreement undertakings*"; dan huwa ftehim illi bis-saħħa tiegħu lill-konvenuta ngħata tnaqqis ta' sebgħa u nofs fil-mija (7.5%) tal-premju li jkollha tħallas kull sena fuq kull polza talli ntrabtet illi ġġedded il-poloz kull sena għal ħames snin, b'dan illi, jekk tagħżel illi ma ġġeddix il-poloz għaż-żmien kollu miftiehem, ikollha tħallas dak li kien tnaqqas mill-premju għas-snin ta' qabel. Il-parti relevanti tal-ftehim tgħid hekk:

A discount of 7.5 *per cent.* off the net premium on this Policy is allowed in consideration of the Insured having signed this Undertaking with effect from 1 January 1996 to

offer annually for 5 years the Insurance under this Policy on the terms and conditions in force at the expiry of each period of Insurance and to pay the Premium annually in advance it being understood that:—

… … … *omissis* … … …

5. The Insured may terminate the Agreement set out in this Undertaking after giving due notice to the Insurers to such effect and that the Insured will refund to Insurers the 7.5 *per cent.* discount allowed for the duration of the Policy.

Il-poloz kienu mġedda darbtejn, u lill-konvenuta ngħata kull darba t-tnaqqis miftiehem fil-premju.

Hekk kif bdiet toqrob is-sena 2000, l-esperti fl-informatika bdew jintebħu illi, għax fil-memorja ta' l-apparat elettroniku jkunu maħżuna l-aħħar żewġ ċifri biss tas-sena, għandu mnejn illi meta s-sena 1999 taqleb għas-sena 2000, l-apparat jagħraf iċ-ċifra "00" bħallikieku tfisser is-sena 1900 u mhux is-sena 2000. Dan jista' jwassal biex l-apparat jaħdem ħażin.

Lis-suq ta' l-assikuraturi deherlu illi dan il-problema, magħruf bħala *millennium bug* jew *Y2K bug*, kien xi ħaġa illi stajt tobsor minn qabel illi setgħat tinqala', għax l-apparat elettroniku jaħdem kif programmat, u ma jiħux inizjattivi minjeddu. Is-suq għalhekk kien tal-fehma illi, għax prevedibbli, ma kienx xi riskju assikurabbli. Madankollu, għalkemm prevedibbli, l-assikuraturi ma ipprevedewhx kmieni biżżejjed biex jistipulaw fil-poloz ta' assikurazzjoni illi ma tingħatax kopertura kontra l-ħsara li sseħħ jekk, minħabba l-*millennium bug*, l-apparat elettroniku jaħdem ħażin.

Għalhekk, għalkemm dehrilhom illi, f'kull każ, dan tal-*millennium bug* ma kienx riskju assikurabbli, xorta ħasbu biex fil-poloz ta' assikurazzjoni jdaħħlu, b'*endorsement*, dak li jissejjaħ *millennium exclusion clause*. L-istipulazzjoni relevanti tgħid hekk:

… … … it is hereby declared and agreed that, as from the effective date of this endorsement, the following additional clause is deemed to apply:

Imbagħad hemm il-kliem tal-*millenium exclusion clause*.

Lis-soċjetà konvenuta dehrilha illi biż-żjieda ta' din il-klawsola l-atturi kienu qegħdin jibdlu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-polza, u għalhekk ma kinux marbuta illi

jġeddu. L-atturi, min-naħa l-oħra, qegħdin igħidu illi l-klawsola ma tbiddel xejn, għax, f'kull każ, taħt il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-assikurazzjoni, il-*millennium bug* ma huwiex riskju assikurabbli. Bil-klawsola u mingħajrha, il-ftehim jibqa' l-istess, u għalhekk il-konvenuta kienet marbuta illi jew iġġedded il-polza, bl-*endorsement*, jew inkella titlef il-benefiċċju tat-tnaqqis fil-premju.

Lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tagħmel l-eżerċizzju akkademiku li tara jekk ir-riskju tal-*millenium bug* huwiex riskju assikurabbli jew le. Għall-għanijiet ta' din il-kawża huwa biżżejjed illi tgħid illi polza ta' assikurazzjoni bil-*millennium exclusion clause* espressament stipulata ma hijiex l-istess bħal polza ta' assikurazzjoni mingħajr dik l-istipulazzjoni espressa. Barra minn hekk, il-kliem ta' l-*endorsement* stess igħid illi l-*exclusion clause* huwa "*additional clause*" illi kellu jibda jseħħ "*as from the effective date of this endorsement*"; lanqas min ipproponieh ma huwa jippretendi illi huwa biss tifsira ta' dak li ġà kien fis-seħħ.

U jekk l-atturi huma daqshekk konvinti illi bil-klawsola u mingħajrha r-riżultat jibqa' l-istess, għala ma offrewx li jwaqqgħu l-*endorsement* biex hekk il-konvenuta tkun tista' liberament iġġedded il-poloz?

Din il-qorti għalhekk mingħajr wisq eżitazzjoni tgħid illi l-polza bl-*endorsement* ma hijiex il-polza "*on the terms and conditions in force*" meta nħarġet l-ewwel darba; hija polza b'patt ġdid addizzjonali.

Billi l-konvenuta kienet marbuta li ġġedded fil-każ biss illi l-polza tkun "*on the terms and conditions in force at the expiry of each period of Insurance*", u kienu l-atturi li riedu jżidu ma' dawk it-*terms and conditions*, il-konvenuta hija meħlusa mir-rabta li ġġedded il-poloz bla ma titlef ebda benefiċċju.

It-talbiet ta' l-atturi huma għalhekk miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Għandu jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tar-rikonvenzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------